IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.9.2024
COM(2024) 400 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar in-negozjati mwettqa mill-Kummissjoni fil-qasam tal-krediti għall-esportazzjoni, fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011

1. Introduzzjoni

Ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment sostnuti u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/76/KE u 2001/77/KE[1] jipprevedi fl-Anness I tiegħu li l-Kummissjoni Ewropea għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar in-negozjati dwar krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati. Dan ir-rapport ikopri l-perjodu minn Settembru 2016 sal-aħħar tal-2023.

Mill-aħħar tas-snin 1970, l-**Arranġament tal-OECD dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati** ("Arranġament") huwa l-forum ewlieni għar-regoli internazzjonali dwar il-krediti għall-esportazzjoni[2]. Minbarra r-regoli ġenerali dwar it-tranżazzjonijiet ta' kreditu għall-esportazzjoni, l-Arranġament fih ukoll "arranġamenti settorjali" li jkopru regoli speċjali ta' finanzjament għal setturi industrijali speċifiċi u tipi ta' attività. Matul il-perjodu kopert minn dan ir-rapport, intlaħaq ftehim dwar il-**modernizzazzjoni tal-Arranġament** (inkluż l-allinjament tar-regoli tiegħu biex jiġu appoġġati aħjar l-għanijiet klimatiċi tal-Ftehim ta' Pariġi), proċess li tnieda fl-2020 u ġie konkluż b'suċċess fl-2023. Barra minn hekk, il-Parteċipanti fl-Arranġament qablu fl-2021 **li jtemmu l-appoġġ uffiċjali għall-kreditu tal-esportazzjoni għall-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-faħam**.

Barra mill-OECD, in-negozjati ewlenin saru fil-kontest tal-**Grupp ta' Ħidma Internazzjonali dwar il-Krediti tal-Esportazzjoni** ("IWG"), li laqqa' flimkien l-OECD u l-ekonomiji emerġenti ewlenin. In-negozjati, li oriġinarjament tnedew fl-2012, komplew matul il-perjodu ta' rapportar iżda ġew sospiżi fl-2020 minħabba nuqqas ta' konverġenza dwar kwistjonijiet ewlenin.

2. Żviluppi fl-OECD matul il-perjodu ta' rappurtar

Tfassil tar-regoli

L-aktar negozjati notevoli għat-tfassil tar-regoli matul il-perjodu ta' rapportar kienu: il-ftehim biex jiġi mmodernizzat l-Arranġament u jkompli jiġi allinjat mal-għanijiet klimatiċi f'Lulju 2023; u l-ftehim f'Ottubru 2021 li jiġi pprojbit l-appoġġ uffiċjali għall-kreditu għall-esportazzjoni u l-għajnuna marbuta għall-esportazzjoni ta' impjanti ġodda għall-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-faħam u l-esportazzjoni ta' tagħmir lejn impjanti eżistenti. Żviluppi notevoli oħra matul il-perjodu ta' rapportar kienu t-tnedija ta' rieżami tal-projbizzjoni fuq il-faħam fl-2022, ir-riforma tad-dispożizzjonijiet tal-Arranġament dwar il-kostijiet lokali, u tar-rata ta' mgħax referenzjali kummerċjali (commercial interest reference rate, CIRR). Hawn taħt jissemmew ukoll għadd ta' bidliet oħra fl-Arranġament.

(i) Modernizzazzjoni tal-Arranġament u espansjoni tal-ambitu tal-Ftehim Settorjali dwar it-Tibdil fil-Klima (Climate Change Sector Understanding, CCSU)

[1] ĠU L 326, 8.12.2011, p. 45.

[2] Illum hemm 11-il Parteċipant fl-Arranġament: l-Awstralja, il-Kanada, l-UE, il-Ġappun, il-Korea, New Zealand, in-Norveġja, l-Iżvizzera, it-Turkija, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti.

Wara l-ewwel proposta mill-UE f'Novembru 2019, il-Parteċipanti qablu dwar qafas komuni għan-negozjati biex jiġi mmodernizzat l-Arranġament f'Novembru 2020. In-negozjati tekniċi bdew f'Novembru 2020 bi ftehim finali li ntlaħaq f'Marzu 2023.

Il-**modernizzazzjoni**, li daħlet fis-seħħ fil-15 ta' Lulju 2023, tippermetti termini ta' ripagament itwal sa 22 snin għal tranżazzjonijiet li ma jagħmlux ħsara lill-klima, u sa 15 snin għall-biċċa l-kbira tat-tranżazzjonijiet l-oħra. Il-pajjiżi kollha huma soġġetti għall-istess regoli dwar it-termini massimi ta' ripagament (mingħajr distinzjoni bejn il-pajjiżi tal-Kategorija I u tal-Kategorija II). L-arranġament modernizzat jipprovdi wkoll aktar flessibbiltà fil-profil ta' ripagament, (jiġifieri l-istruttura tat-termini rigward ir-ripagament li tinkludi l-frekwenza, id-daqs u x-xejra tar-ripagament tal-kapital u l-pagament tal-imgħax), filwaqt li jirrikjedi trasparenza qawwija. Barra minn hekk, ir-rati minimi tal-primjum tar-riskju ta' kreditu li l-aġenziji ta' kreditu għall-esportazzjoni huma obbligati li jitolbu għall-kopertura tal-assigurazzjoni tagħhom jitnaqqsu (b'massimu ta' 15 %) għal tranżazzjonijiet b'termini itwal ta' ripagament. Fil-korp ewlieni tal-Arranġament, l-arranġamenti settorjali għall-infrastruttura ferrovjarja u għall-istrutturi ta' finanzjament tal-proġetti tħassru peress li saru superfluwi minħabba li kienu inqas flessibbli mir-regoli ġenerali tal-Arranġament.

Barra minn hekk, il-Parteċipanti **wessgħu l-ambitu tas-CCSU** biex jinkludi proġetti relatati mal-produzzjoni tal-enerġija ambjentalment sostenibbli; il-qbid, il-ħżin u t-trasport tas-CO2; it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-ħżin tal-enerġija; idroġenu nadif u ammonijaka; manifattura b'emissjonijiet baxxi; trasport b'emissjonijiet żero jew baxxi; u minerali tal-enerġija nadifa. Dan l-iżvilupp se jgħin biex jiżdied l-impatt tal-finanzjament tal-esportazzjoni fl-isforzi biex jiġu żgurati l-objettivi klimatiċi u jintlaħaq l-impenn tal-Ftehim ta' Pariġi biex il-flussi finanzjarji jsiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

Fil-qafas tal-modernizzazzjoni tal-Arranġament, il-**Ftehim Settorjali dwar il-Vapuri** (Ships Sector Understanding, SSU) ġie rriformulat ukoll biex isir fehim tas-settur awtonomu. (Nota: Id-diskussjonijiet dwar ir-riforma tal-SSU tnedew f'Marzu 2024.)

(ii) Projbizzjoni fuq l-appoġġ ta' impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-faħam

F'Ġunju 2021, l-UE ppreżentat, f'laqgħa tal-Parteċipanti fl-Arranġament, il-proposta tagħha li tirrieżamina l-Ftehim Settorjali dwar il-Proġetti ta' Ġenerazzjoni tal-Elettriku mill-Faħam (CFSU - li qabel kien l-Anness VI tal-Arranġament) bil-ħsieb li jiġu pprojbiti l-krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati jew l-għajnuna marbuta għall-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-faħam, il-provvista ta' tagħmir għal dawn l-impjanti tal-enerġija u attivitajiet relatati bħall-estrazzjoni u t-trasport tal-faħam termali. Saru aktar negozjati f'laqgħa straordinarja tal-Parteċipanti li saret f'forma virtwali fil-15 ta' Settembru 2021. Il-Parteċipanti laħqu kunsens f'Ottubru 2021, qabel il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima 2021 (COP 26). L-eżitu jikkontribwixxi għat-twettiq tal-ambizzjoni tal-Unjoni li tilħaq l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima.

It-test maqbul, li jifforma l-Artikolu 6 tal-Arranġament, fih projbizzjoni immedjata fuq krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati jew għajnuna marbuta għall-esportazzjoni ta' impjanti ġodda għall-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-faħam u l-provvista ta' tagħmir lil impjanti eżistenti. Jipprevedi wkoll għadd ta' eċċezzjonijiet. Huwa permess li jiġi pprovdut appoġġ għall-impjanti tal-enerġija li joperaw b'faċilitajiet effettivi tal-qbid, l-użu u l-ħżin tal-

karbonju (carbon capture utilisation and storage, CCUS) jew il-modifika retroattiva ta' impjanti eżistenti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-faħam biex jinstallaw is-CCUS, abbażi ta' limitu tal-emissjonijiet ta' 350 tunnellata metrika ta' CO2 għal kull GWh (jew kriterji xierqa simili elenkati fil-Klassi tal-Proġett B, Tip 1 tal-Appendiċi 1 tal-Ftehim Settorjali dwar it-Tibdil fil-Klima). It-tieni eċċezzjoni tippermetti li l-appoġġ għall-kreditu tal-esportazzjoni għat-tagħmir għat-tnaqqis tat-tniġġis jew tal-emissjonijiet jintuża f'impjanti eżistenti, dment li la jwassal għal estensjoni tal-ħajja utli tal-impjant u lanqas żieda fil-kapaċità. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 6 il-ġdid jipprevedi li, jekk fil-ġejjieni jiġu żviluppati teknoloġiji effettivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 li mhumiex CCUS, il-Parteċipanti jistgħu jiddeċiedu, b'kunsens, li jippermettu appoġġ għalihom. L-Artikolu 6 il-ġdid issostitwixxa s-CFSU, li tħassar mill-Arranġament.

(iii) Tnedija tar-rieżami tal-Artikolu 6

Filwaqt li tibni fuq l-Artikolu 6 l-ġdid u fil-kuntest tal-espansjoni tal-ambitu tas-CCSU, f'Lulju 2022 l-UE ppreżentat lill-Parteċipanti l-ewwel dokument ta' diskussjoni dwar rieżami tal-Artikolu 6 tal-Arranġament, bil-ħsieb li tkopri l-fjuwil fossili kollu (inklużi l-attivitajiet tal-estrazzjoni u t-trasport tal-faħam termali, l-attivitajiet tal-esplorazzjoni, il-produzzjoni, it-trasport, il-ħżin, ir-raffinar, id-distribuzzjoni taż-żejt mhux maħdum u tal-gass naturali għas-settur tal-enerġija u l-ġenerazzjoni tal-enerġija mhux imnaqqsa). Dan ġie segwit f'Novembru 2023 bi proposta li tistabbilixxi aktar informazzjoni dwar approċċ. Il-proposta tal-UE tipprevedi projbizzjoni b'eċċezzjonijiet limitati, soġġetta għal mekkaniżmu ta' trasparenza b'saħħtu u rekwiżit li jiġi żvelat kwalunkwe appoġġ kontinwu, b'ġustifikazzjoni għall-forniment tiegħu. Il-proposta teskludi wkoll il-proġetti kollha bbażati fuq il-fjuwils fossili mis-CCSU. Bħalissa qed tiġi diskussa mill-Parteċipanti.

(iv) Riforma tad-dispożizzjonijiet dwar il-kostijiet lokali

F'Ġunju 2019, l-UE ppreżentat proposta biex jiżdied l-ammont massimu ta' kostijiet lokali li jistgħu jiġu appoġġati skont ir-regoli tal-Arranġament. Il-proposta ġiet diskussa mill-Parteċipanti f'Novembru 2019, u f'Marzu u f'Ġunju 2020, sa liema żmien kien hemm kunsens ġenerali dwar il-prinċipju li tingħata aktar flessibbiltà lill-Arranġament dwar din il-kwistjoni iżda mhux dwar il-mekkaniżmu propost oriġinarjament mill-UE.

F'Novembru 2020, l-UE ppreżentat proposta ta' kompromess, li ssuġġeriet li jiżdied il-livell massimu ta' appoġġ għall-kostijiet lokali għal 40 % tal-Valur tal-Kuntratt ta' Esportazzjoni (Export Contract Value, ECV) fil-pajjiżi tal-Kategorija I u 50 % tal-valur tal-kuntratt ta' esportazzjoni fil-pajjiżi tal-Kategorija II għas-setturi kollha (ħlief għall-ASU u l-SSU), u li r-rekwiżiti ta' notifika preliminari għall-kost lokali li jaqbeż 15 % tal-valur tal-kuntratt tal-esportazzjoni ma jinbidlux. Il-parteċipanti qablu b'mod informali mal-proposta; li jitħassru d-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kostijiet lokali li jinsabu fil-Ftehim Settorjali dwar il-krediti għall-esportazzjoni għal proġetti fl-oqsma tal-Enerġija Rinnovabbli, tal-Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima u l-Adattament għalih, u tal-ilma (CCSU); u biex tiġi introdotta klawsola ta' rieżami li għandha sseħħ tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar il-kostijiet lokali. Dawn il-bidliet ġew maqbula formalment mill-Parteċipanti kollha permezz ta' proċedura bil-miktub fl-2021.

(v) Riforma tas-CIRR

In-negozjati dwar ir-riforma bdew fil-15-il laqgħa tal-Esperti Tekniċi tal-Parteċipanti (Technical Experts of the Participants, TEP) f'Marzu 2017. Wara serje twila ta' skambji tekniċi, ġie miftiehem formalment test ta' riforma tas-CIRR mill-Parteċipanti fil-15 ta' Lulju 2021 u sar applikabbli mill-15 ta' Lulju 2023.

Il-ftehim jinkludi metodoloġija riveduta biex jinbnew ir-rati bażi (bl-użu ta' tmien maturitajiet tal-bonds tal-gvern minflok tlieta jew saħansitra waħda qabel), kalkolu armonizzat tas-CIRR fost arranġamenti settorjali differenti (ħlief għal SSU u ASU, li għandhom metodoloġija separata tas-CIRR), u l-introduzzjoni ta' dixxiplini dwar iż-żamma ta' CIRR qabel l-iffirmar ta' kuntratt finanzjarju. Ir-rieżami stabbilixxa wkoll tariffa ta' impenn obbligatorja għas-selliefa diretti.

Barra minn hekk, minħabba l-waqfien tar-rata normattiva LIBOR fl-2021, sar impossibbli li tintuża l-metodoloġija li għadha kif ġiet miftiehma biex jiġi kkalkulat il-marġni l-ġdid tas-CIRR (nofs il-medja ta' tliet xhur tar-rendimenti tar-rati ta' swap avarija fuq 5 snin + 80 punt bażi). Biex jindirizzaw din il-kwistjoni, il-Parteċipanti qablu – fil-kuntest tan-negozjati dwar il-modernizzazzjoni fl-2023 – dwar marġni fiss temporanju ta' 100 punt bażi sakemm ikunu jistgħu jinstabu regoli ġodda jew sal-14 ta' Lulju 2024. F'Novembru 2023, l-esperti qablu li jestendu l-marġni temporanju b'sena (jiġifieri sal-14 ta' Lulju 2025).

(vi) Linji Komuni

L-impatt ekonomiku negattiv tal-pandemija tal-COVID-19 kellu wkoll impatt fuq l-iżvilupp tar-regoli tal-Arranġament, kif muri mill-adozzjoni tal-Linji Komuni dwar (i) id-differiment tar-ripagament skont il-Ftehim Settorjali tal-Avjazzjoni (Aviation Sector Understanding, ASU) fl-2021 u (ii) it-tnaqqis tal-ħlas parzjali, kemm fl-2021 kif ukoll fl-2023.

- Differiment tar-ripagament fis-settur tal-avjazzjoni

Fi Frar 2021, l-UE ppreżentat lis-Segretarjat tal-OECD proposta għal Linja Komuni biex jitnaqqas l-impatt serju tal-kriżi tas-saħħa tal-COVID-19 fuq l-industrija Ewropea tal-avjazzjoni ċivili. Il-Linja Komuni pproponiet li tippermetti lill-Parteċipanti fil-FSIA jappoġġaw temporanjament lill-manifatturi tagħhom tal-inġenji tal-ajru ċivili, li n-negozju tagħhom kien mhedded minn problemi ta' likwidità fuq terminu qasir tal-operaturi u tax-xerrejja ta' inġenji tal-ajru u magni ġodda minħabba restrizzjonijiet relatati mal-pandemija fuq l-ivvjaġġar internazzjonali. Il-Linja Komuni ġiet aċċettata mill-Parteċipanti u daħlet fis-seħħ fit-12 ta' Marzu 2021. Din kopriet il-perjodu mill-1 ta' Novembru 2020 sal-31 ta' Ottubru 2021.

- Tnaqqis tal-kapparra

Fil-5 ta' Novembru 2021, il-Parteċipanti qablu dwar Linja Komuni li tikkonċerna t-tnaqqis tal-ħlas parzjali minimu meħtieġ mix-xerrejja fit-tranżazzjonijiet skont ir-regoli tal-Arranġament. Il-miżura ġiet ivvalidata mill-Parteċipanti bħala pass urġenti u eċċezzjonali meħtieġ biex ikun hemm reazzjoni għat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku li rriżulta mill-kriżi tas-saħħa tal-COVID-19. Il-Linja Komuni tal-2021, oriġinarjament effettiva sal-4 ta' Novembru 2022, ġiet estiża għal sena addizzjonali, u b'hekk skadiet fl-4 ta' Novembru 2023. Linja Komuni simili, fuq il-bażi ta' rati tal-imgħax miżjuda u pressjonijiet inflazzjonarji kontinwi, ġiet miftiehma mill-Parteċipanti f'Diċembru 2023 u se tkun effettiva għal sena.

(vii) Żviluppi oħra tat-tfassil tar-regoli

Għadd ta' skadenzi fir-rigward tar-rieżamijiet ta' diversi arranġamenti settorjali ġew modifikati matul il-perjodu ta' rapportar. Fl-2021, l-iskadenza għar-rieżami tal-fehim tas-settur nukleari (nuclear sector understanding, NSU) inbidlet sa tmiem l-2023, u tliet skadenzi rigward il-fehim tas-settur ferrovjarju (rail sector understanding, RSU) (l-iskadenza tar-rieżami, il-klawżola ta' estinzjoni, u l-modifika tar-rekwiżit ta' sindakazzjoni għal tranżazzjonijiet f'pajjiżi tal-OECD b'introjtu għoli) inbidlu fl-2021 sa tmiem l-2023. (Nota: l-RSU tħassar bħala parti mill-immodernizzar. Ara hawn taħt.) Fl-aħħar nett, l-iskadenza tal-klawżola ta' estinzjoni tal-Ftehim Settorjali dwar it-Tibdil fil-Klima (Climate Change Sector Understanding, CCSU) applikabbli għall-Appendiċi III (kriterji ta' eliġibbiltà għal proġetti ta' adattament għat-tibdil fil-klima) ġiet estiża b'sena sal-31 ta' Diċembru 2021.

Żvilupp ieħor matul il-perjodu ta' rapportar kien l-inkorporazzjoni tal-Ftehim dwar il-Primjum għall-Pajjiżi b'Parametru Referenzjarju tas-Suq fl-Arranġament fl-2017. F'Novembru 2016, il-Parteċipanti kienu qablu dwar dan is-sett ġdid ta' regoli għal pajjiżi bi primjum tar-riskju ta' kreditu fejn il-finanzjament tas-suq privat huwa ġeneralment disponibbli (jiġifieri pajjiżi b'parametru referenzjarju tas-suq).

Matul il-perjodu ta' rappurtar, il-Parteċipanti komplew jaqblu dwar estensjonijiet ta' sentejn tal-Ftehim dwar it-Trasparenza tal-Krediti Mhux Maqgħuda tal-ODA, li oriġinarjament daħal fis-seħħ fl-2005. Dan seħħ l-aktar reċentement fl-2022, meta l-Ftehim ġie estiż sa Diċembru 2024, meta se ssir diskussjoni dwar li l-Ftehim isir permanenti jew li jiġi estiż għal perjodu itwal ta' żmien.

Parteċipanti Ġodda

Matul il-perjodu ta' rapportar, it-Turkija (Novembru 2018) u r-Renju Unit (Ġunju 2021) saru Parteċipanti fl-Arranġament, u b'hekk l-għadd totali tela' għal 11. Ir-Renju Unit sar ukoll Parteċipant fil-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili (Ftehim Settorjali tal-Avjazzjoni).

It-Turkija applikat biex issir Parteċipant fl-Arranġament f'Settembru 2017. Il-parteċipazzjoni tagħha fl-Arranġament ġiet miftiehma f'Novembru 2018 b'effett immedjat. Ir-Renju Unit kien ipparteċipa kemm fl-Arranġament kif ukoll fil-Ftehim Settorjali tal-Avjazzjoni (Aviation Sector Understanding, ASU) sa mill-bidu tagħhom permezz tas-sħubija tiegħu fl-Unjoni Ewropea. Wara t-tluq tiegħu mill-Unjoni Ewropea fil-31 ta' Jannar 2020, il-parteċipazzjoni tiegħu ntemmet. Fil-laqgħat tal-Arranġament u tal-Parteċipanti fl-ASU bejn Marzu 2020 u Marzu 2021, ir-Renju Unit ipparteċipa bħala osservatur. Ir-Renju Unit sar Parteċipant kemm fl-Arranġament kif ukoll fl-ASU f'Ġunju 2021.

3. Il-Grupp ta' Ħidma Internazzjonali dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni:

Kuntest

L-IWG tnieda fl-2012 bħala forum għal djalogu bejn l-OECD u l-fornituri mhux tal-OECD ta' krediti għall-esportazzjoni appoġġati mill-gvern, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar sett ġdid ta'

dixxiplini multilaterali, fil-forma ta' "Linji Gwida". L-IWG għandu 18-il Membru (li dak iż-żmien kienu 10 Parteċipanti fl-Arranġament tal-OECD dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati – "Arranġament tal-OECD")[3] kif ukoll il-Brażil, iċ-Ċina, l-Indja, l-Indoneżja, l-Iżrael, il-Malażja, il-Federazzjoni Russa u l-Afrika t'Isfel. Il-parteċipazzjoni tal-UE fid-diskussjonijiet tal-IWG ġiet approvata mill-Kunsill fis-26 ta' Novembru 2015.[4]

Madankollu, minkejja għoxrin sessjoni ta' negozjati tal-IWG mill-2012 sal-2019, il-progress ma kienx biżżejjed. Kien hemm diverġenzi kbar dwar kwistjonijiet strutturali ewlenin, bħall-grad ta' trasparenza meħtieġ biex tintwera l-konformità mad-dixxiplini eventwali kif ukoll l-ambitu tagħhom. Fl-aħħar mill-aħħar, dan wassal għal deċiżjoni mill-UE u minn grupp ta' Membri oħra tal-IWG li jissospendu l-parteċipazzjoni tagħhom fin-negozjati tekniċi fid-19 ta' Novembru 2020.[5] Filwaqt li s-sospensjoni hija temporanja, s'issa l-kundizzjonijiet ma ġewx issodisfati biex ix-xogħol ikun jista' jerġa' jibda.

Matul il-perjodu ta' rapportar, kien hemm disa' laqgħat tekniċi uffiċjali tal-IWG: fi Brasilia fl-2016, f'Washington DC u Beijing fl-2017, f'Ruma, f'The Hague, u fil-Lussemburgu fl-2018 u f'Oslo, Bukarest u Brasilia fl-2019.

Segretarju Ġenerali u gruppi ta' ħidma tal-IWG

Il-membri tal-IWG ħatru Segretarju Ġenerali bl-għan li jiżgura proċess ta' negozjar aktar effiċjenti u jipprovdi faċilitazzjoni newtrali. Is-Sinjura Michal Ron tal-Italja assumiet ir-responsabbiltajiet tagħha mill-1 ta' Settembru 2017, għal perijodu ta' tliet snin. Il-membri qablu wkoll dwar is-suċċessur tagħha, mill-2020, is-Sur Jian-Ye Wang taċ-Ċina.

Biex tiġi ffaċilitata t-tħejjija ta' diskussjonijiet tekniċi bejn il-laqgħat plenarji tal-IWG, inħolqu għadd ta' gruppi ta' ħidma dwar: appoġġ uffiċjali massimu u ħlas parzjali; kostijiet lokali; termini massimi ta' ripagament u profil ta' ripagament; kondiviżjoni tal-informazzjoni; ambitu; ipprezzar; u rati tal-imgħax. Tnedew ukoll diskussjonijiet separati dwar il-vapuri.

In-negozjati kisbu xi konverġenza dwar għadd ta' kwistjonijiet tekniċi. Pereżempju, fis-17-il laqgħa tal-IWG fil-Lussemburgu, id-diskussjonijiet dwar l-appoġġ uffiċjali massimu għamlu progress inkrementali, bl-approvazzjoni mill-partijiet tad-definizzjonijiet ta' "valur tal-kuntratt tal-esportazzjoni", "prezz tal-kuntratt tal-esportazzjoni" u "valur tal-kuntratt kummerċjali". Fl-20-il laqgħa tal-IWG fi Brasilia f'Settembru 2019, il-partijiet raw xi konverġenza dwar it-termini massimi ta' ripagament u l-finanzjament tal-proġetti. Barra minn hekk, fid-diskussjonijiet dwar it-trasport marittimu, instabet konverġenza parzjali dwar elementi bħall-kofinanzjament mas-settur privat, il-punt tal-bidu tal-kreditu u l-kostijiet eliġibbli għall-appoġġ uffiċjali. Madankollu, fl-ebda wieħed minn dawn l-oqsma ma kien possibbli li jinkisbu eżiti maqbula bis-sħiħ.

Barra minn hekk, u fundamentalment, id-delegazzjonijiet ma setgħux jiksbu konverġenza sinifikanti dwar il-kwistjonijiet ewlenin inkwistjoni fin-negozjati. Dawn kienu jikkonċernaw kif tiġi żgurata t-trasparenza tat-termini offruti fit-tranżazzjonijiet ta' kreditu għall-

[3] L-Awstralja, il-Kanada, l-UE, il-Ġappun, il-Korea, in-Norveġja, New Zealand, l-Iżvizzera, it-Turkija u l-Istati Uniti.

[4] https://www.consilium.europa.eu/media/23017/st14376-fr15.pdf

[5] https://policy.trade.ec.europa.eu/news/eu-and-10-other-members-suspend-participation-negotiations-international-working-group-export-2020-11-19_en

esportazzjoni, sabiex tintwera l-konformità mal-linji gwida; b'mod li jkollhom ambitu wiesa' biżżejjed ta' kopertura; u l-ħtieġa għal impenn lejn standards internazzjonali għas-sostenibbiltà tad-dejn. Minkejja negozjati intensi kif ukoll sforzi kreattivi u ta' rieda tajba mis-Segretarju Ġenerali biex jinħoloq kompromess, mit-tieni nofs tal-2019 'il quddiem deher ċar li l-kunsens dwar dawn il-kwistjonijiet ma kienx possibbli.

Din l-inabbiltà tal-Parteċipanti li jsibu kunsens fil-livell tekniku rigward kwistjonijiet ewlenin tqajmet għall-ewwel darba fid-19-il laqgħa tal-IWG f'Bucharest fl-2019. Fost l-oħrajn, l-UE enfasizzat il-ħtieġa li d-diskussjoni tinbidel mil-livell tekniku għal-livell politiku għal tentattiv biex jingħeleb l-ostakolu. Aktar diskussjonijiet informali fi Brasilia f'Settembru ma wasslu għall-ebda progress. Fil-21 ta' Jannar 2020 il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ħa nota tas-sitwazzjoni.

Laqgħa ta' Livell Għoli tal-IWG

Il-laqgħa li jmiss tal-IWG saret fil-livell tal-Viċi Ministru (Direttur Ġenerali), fl-10 ta' Lulju 2020, biex jiġi diskuss kif id-differenzi fundamentali jistgħu jitnaqqsu sabiex jinfetħu n-negozjati tekniċi. Qabel il-laqgħa, saru tentattivi biex jintlaħaq qbil dwar komunikat konġunt li jwitti t-triq 'il quddiem dwar il-kwistjonijiet ewlenin. Madankollu, la permezz tal-komunikat u lanqas fil-laqgħa nfisha ma seta' jintlaħaq kunsens.

Dan irriżulta fi grupp ta' membri tal-IWG - l-Awstralja, il-Brażil, il-Kanada, l-Unjoni Ewropea, il-Ġappun, il-Korea, New Zealand, in-Norveġja, l-Iżvizzera, it-Turkija u l-Istati Uniti - li ssospendew il-parteċipazzjoni tagħhom fin-negozjati tekniċi tal-IWG. Dawn il-membri ħarġu dikjarazzjoni pubblika dwar is-sitwazzjoni fid-19 ta' Novembru 2020.[6] Id-dikjarazzjoni nnotat li, "wara tmien snin ta' konsultazzjoni, il-pożizzjonijiet tal-membri tal-IWG jibqgħu diverġenti b'mod sinifikanti fir-rigward tal-impenji dwar [...] kwistjonijiet ewlenin." Din iddikjarat ukoll li l-membri firmatarji ma setgħux "jiġġustifikaw parteċipazzjoni kontinwa fin-negozjati tekniċi tal-IWG sakemm il-membri ma jagħmlux l-impenji ta' livell għoli meħtieġa li jippermettu t-tkomplija tan-negozjati tekniċi."

Madankollu, il-firmatarji tad-dikjarazzjoni għamluha ċara li, "[m]atul din is-sospensjoni ta' aktar negozjati tekniċi, [huma] ser jibqgħu lesti li jikkunsidraw proposti kredibbli, speċjalment dwar it-trasparenza, mill-gvernijiet membri tal-IWG għal diskussjoni fil-livell viċi ministerjali." Huma ħabbru wkoll ir-rieda tagħhom li jivvalutaw fil-ġejjieni jekk il-kundizzjonijiet humiex idonei għat-tkomplija tan-negozjati u li jikkunsidraw laqgħa ġdida ta' livell għoli tal-IWG fil-livell viċi ministerjali jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu dan.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni u l-Kunsill ivvalutaw kull sena, fi tmiem l-2021, l-2022 u l-2023, jekk kienx hemm xi żviluppi li jiġġustifikaw laqgħa ġdida ta' livell għoli biex jiddiskutu riattivazzjoni potenzjali tal-IWG. Kull waħda minn dawn ir-rieżamijiet ikkonkludiet li l-kundizzjonijiet meħtieġa ma ġewx issodisfati, u li b'mod partikolari ma saret l-ebda proposta mill-gvernijiet membri tal-IWG dwar kwalunkwe waħda mill-kwistjonijiet ewlenin. Ir-rieżami li jmiss huwa ppjanat għal tmiem l-2024.

[6] https://policy.trade.ec.europa.eu/news/eu-and-10-other-members-suspend-participation-negotiations-international-working-group-export-2020-11-19_en

Il-Kummissjoni se żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat b'mod debitu dwar żviluppi ġodda.